MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2005

Numru 1029/2004

Il-Pulizija
(Sp Michael Mallia)
vs
Italo Grech, iben George,
imwieled Pieta' fit-12 ta'
awissu, 1983

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fil-31 ta' lulju, 2004 u fil-ġimgħat ta' qabel din id-data, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħulin b'risoluzzjoni waħda –

1. talli fil-lejl ta' bejn il-25 u is-26 ta' lulju, 2004, fi Triq id-Dragonara, San Għiljan, ikkometta serq ta' apparat tal-'hi-fi' u oġġetti oħra, li l-valur globali tagħhom jeċċedi s-

somma ta' mitt lira maltin (Lm100) iżda anqas minn elf lira maltin (Lm1,000), minn ġo vettura ta' l-għamla Suzuki Baleno, bin-numru tar-reġistrazzjoni FBL 648, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa u li sar għad-dannu tas-sid;
2. talli fl-istess dati u ħinijiet, bil-lejl, fl-inħawi tal-Klabb 'Numero Uno', Ta' Qali, limiti tar-Rabat, Malta, ikkometta serq ta' apparat tal-'hi-fi' u oġġetti oħra li l-valur globali tagħhom jeċċedi s-somma ta' mitt lira maltin (Lm100) iżda anqas minn elf lira maltin (Lm1,000) minn ġo vettura ta' l-għamla Fiat Bravo, bin-numru tar-reġistrazzjoni PAT 118, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa u li sar għad-dannu ta' Joseph Cilia;
3. talli f'xi jum matul ix-xahar ta' lulju, 2004, fil-Qasam Industrijali ta' Ħal-Far, ikkometta serq ta' ġugarelli, li l-valur globali tagħhom ma jiskorriex is-somma ta' mitt lra maltin (Lm100), minn ġol-fabbrika Brand Playmobil, Malta liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u li sar għad-dannu tal-propjetarji;
4. talli fil-31 ta' lulju, 2004 u fil-ġimgħat ta' qabel din id-data, f'ċirkostanżi differenti, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta, kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, liema oġġetti misruqin ġew minn reati ta' serq ikkwalifikat bil-valur.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' marzu, 2005 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tar-raba' akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati tal-ewwel tlett akkużi. Rat l-artikoli 18, 261(b)(ċ)(f)(g), 263, 267, 270, 271(g) u 278(1)(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja

iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta billi tqiegħdu taħt ordni ta' probation għal perjodu ta' tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------